# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 21**

**Citaz. numru 1367/98 RCP**

**Salvina Bugeja**

**vs**

**Paola armla minn Michael Azzopardi u John, Carmelo sive Charles, u Michael, u Catherine, ikoll ahwa Azzopardi**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attrici pprocediet kontra l-konvenuti b'dan l-att ta' citazzjoni li bih talbet dikjarazzjoni mill-Qorti li proceduri antecedenti f'kawza ohra fl-ismijiet inversi kienu proceduralment irritwali :-

> "L-attrici ippremettiet :-
>
> illi l-konvenuti f'din il-kawza pproponew il-kawza kontra l-attrici, bic-citazzjoni numru 1300/96, fl-ismijiet inversi, u l-Imhallef li lilu giet assenjata l-kawza astjena ruhu (ara fol. 53 tal-process), u l-

Master minhabba f'hekk asenjaha lill-Imhallef iehor biex tinstema' fit-12 ta' Novembru 1997, u ordna komunika lill-avukati u notifika bir-riappuntament lill-partijiet, a spejjez tal-Qorti (ara fol. 54);

u illi la saret komunika lill-avukat tal-konvenuta f'dik il-kawza, u lanqas notifika lill-konvenuta, u minkejja dan in-nuqqas l-atturi f'dik il-kawza ghamlu l-provi taghhom, filwaqt li ha l-konvenutau lanqas l-avukat taghha qatt ma dehru;

u illi fis-27 ta' Mejju 1998 inghatat is-sentenza f'dik il-kawza u t-talba attrici ntlaqghet, u l-konvenuta saret taf b'dan wara li skada t-terminu tal-appell, meta t-taxxa bit-talba sabiex thallas l-ispejjez;

illi l-proceduri fil-kawza msemmija wara l-assenzjazzjoni taghha lill-Imhallef iehor, kif ukoll il-pronunzjament tas-sentenza kienu irritwali u ivvizzjati minhabba n-nuqqas tan-notifika bir-riappuntament tal-kawza ghat-12 ta' Novembru, 1997;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti ma' ghandhiex, wara li tikkonstata li l-proceduri tal-kawza citazzjoni numru 1300/96, fl-ismijiet Paola Azzopardi et vs Salvina Bugeja, u l-ghoti tas-sentenza fiha, fis-27 ta' Mejju 1998, kienu irritwali u ivvizzjati, minhabba n-nuqqas ta' notifika tar-riappuntament lill-attrici, allura, l-konvenuta, tiddikjara li imsemmija sentenza hija nulla u bla effett, bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccipew illi t-talba attrici hi irritwalment proposta u l-azzjoni kienet nulla stante li l-istess attrici ma adoperatx ir-rimedji lilha riservati mil-ligi biex iwaqqghu sentenza. F'kull kaz it-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u kellha tigi michuda.

**VERBAL**

B'verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 1999, il-kawza giet f'dak l-istadju limitata ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

**DECIDE**

B'sentenza tal-5 ta' Ottubru 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ddikjarat illi t-talba attrici kienet proposta irritwalment u li l-azzjoni kienet nulla stante li ma gewx adoperati r-rimedji rizervati mil-ligi biex jitwaqqghu sentenzi. Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "**IL-VERTENZA**
>
> Illi l-attrici pproponiet din il-kawza sabiex din il-Qorti tiddikjara nulla u bla effetti s-sentenza fl-ismijiet **Paola Azzopardi et vs Salvina Bugeja** moghtija fis-**27 ta' Mejju 1998** ; u dan, wara li din il-Qorti tikkonstata li l-proceduri ta' tali kawza kienu irritwali u vvizzjatji minhabba n-nuqqas ta' notifika tar-riappuntament lill-attrici.
>
> Illi l-konvenuti eccepew illi t-talba attrici hi irritwalment proposta u l-azzjoni hi nulla stante li hi ma adoperatx ir-rimedji lilha rizervati mil-ligi biex iwaqqghu sentenzi.
>
> Illi ghalhekk din il-Qorti trid tikkunsidra l-kwistjoni jekk l-azzjoni jekk l-azzjoni hekk kif proposta hijiex nulla o meno.
>
> **KONSIDERAZZJONIJIET**
>
> Illi t-tezi tal-konvenuti in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni taghhom hija illi r-rimedju tal-annullament bil-procedura addottata mill-attrici ma tistax tigi applikata ghas-sentenzi tal-Qrati Ordinarji billi

ghall-inpunjazzjoni taghhom il-ligi tikkontempla biss ir-rimedju ordinarju ta' l-appell u dak straordinarju tar-ritrattazzjoni.

Illi fl-**Artikolu 226 (1) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, l-ligi taghna tikkontempla l-possibilita' ta' appell :-

***"L-appell isir b'rikors li jigi pprezentat fir-Registru tal-Qorti ta' l-Appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza".***

Illi kif premess fic-citazzjoni attrici tali terminu kien skada meta allegatament saret taf bis-sentenza u ghalhekk l-attrici ma setghetx tirrikorri ghal tali rimedju.

Illi pero' l-ligi tipprovdi wkoll ir-rimedju tar-ritrattazzjoni u dan a bazi ta' l-**Artikolu 811 tal-Kap. 12** u l-Artikoli l-ohra sussegwenti. L-**Artikolu 811** jghid hekk :-

***"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin :"***

Imbaghad il-ligi elenkat tnax-il sub artikolu li huma r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni. Illi fl-Artikolu 812 il-ligi tiddisponi :-

***"Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell."***

Illif is-sentenza **<u>Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et (26.4.1993, Appell, Vol. LXXV11 Pt I-11. Sezz 1. Pg 276,</u>** il-Qorti spjegat li :-

*"L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizazzjoni ta' l-ordni gudizzjarja fl-istruttura taghna hija ta' zewg gradi – Prm Istanza u Appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li fl-ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni;*

*Il-gurisprudenza hija konkordi fuq dawn l-aspetti ta' l-istitut u konsegwentement, irriteniet illi l-interpretazzjoni ta' l-artikoli li jirregolawh, ghandha tkun ristrettissima;"*

Illi l-gurisprudenza nostrali hija konfromi li tali istitut ghandu jkun interpretat b'mod rigoruz. Fil-kaz **Wismayer vs Wismayer (7.12.1936)** gie deciz li :-

*"Ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju li huwa ammess biss fil-kaz stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassativi."*

Illi ghalhekk dan l-istitut jikkostitwixxi deroga mill-principju li s-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat ghandha sahha ta' ligi bejn il-partijiet.

L-azzjoni odjerna certament ma tinkwadrax ruhha taht ir-rimedju tar-ritrattazzjoni u dan fid-dawl ta' l-**Artikolu 816 tal-Kap. 12**.

Illi din il-Qorti ezaminat l-istitut tar-ritrattazzjoni sabiex minn tali ezami – li wera li dan hu rimedju straordinarju li ghandu jkun l-eccezzjoni u mhux ir-regola – tasal ghall-konkluzzjoni taghha.

Illi la darba l-ligi u l-gurisprudenza nostrali dejjem interpretaw dan ir-rimedju b'mod rigoruz, din il-Qorti kif presjeduta thoss li m'ghandhiex tistultifika tali approc billi taccetta li tapplika rimedju iehor li ma jsib l-ebda bazi taht il-ligi taghna. L-ebda disposizzjoni fil-ligi taghna ma taghti lok li titressaq citazzjoni sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Ghalhekk, din il-Qorti mhiex se tisma' l-provi dwar x'kienet il-procedura segwita f'kawza li ghaddiet in gudikat u li fiha ma giex utilizzat ir-rimedju provdut mil-ligi sabiex tali sentenza tigi attakkata.

Illi fis-sentenza **Caterina Gerada et vs Av. Dr. Antonio Caruana, 28.6.1973**, gie deciz illi :-

*"L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga' tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga' tiftaha."*

Kif gie deciz mill-Qrati taghna, *"meta l-ligi taghti l-mezzi sabiex fl-interess taghhom il-partijiet jaghmlu uzu minnhom halli jwaqqghu sentenza, anki li tkun nulla, u dawk l-istess rimedji ma jidux fil-fatt minnhom adoperati. … … …. Huma ma jibqghalhomx rimedju iehor ghal dak il-fini, u dan barra milli ghar-ragunijiet li ntqalu fuq*

*ghall-prezunzjoni tal-verita, li ghandha jkollha setgha u tkopri kwalunkwe kawza ta' nullita', peress illi l-kawza ghandhom ikollhom terminu u jispiccaw xi darba."* (Ara : **P.A. 11.3.1949 : Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler et. Vol. XXX111.11.344** u awtoritajiet hemm citati, u **App. Inf. 12.7.1965: Leone Misrahi vs Giuseppe Cassar et)".**

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

L-attrici appellat minn din is-sentenza b'dan l-aggravju. "Il-kawza de quo hija wahda dikjaratorja ta' irritwalita u ta' vizzju li jirrendu nulli l-proceduri de quo u d-decizjoni de quo. Bhala tali, la darba ma hemmx divjet espress fil-ligi, l-kawza hija permissibbli. Illi di piu', n-nuqqas ta' notifika ta' parti bil-procedura tar-riappuntament tal-kawza, wasslu ghan-nuqqas ta' 'fair hearing' u kwindi ghal lezjoni ta' dritt fondamentali tal-bniedem." Gustament pero' l-appellati jirribattu illi l-azzjoni ma kienitx wahda dikjaratorja tal-irritwalita' u ta' vizzju ta' proceduri imma wahda dikjaratorja tan-nullita' tas-sentenza specifika bazata fuq il-kawzali dedotta fil-korp tac-citazzjoni. Din il-Qorti zzid li hija kawza li timputa vizzju procedurali li jimporta n-nullita' f'sentenza tal-prima istanza imma li ghaddiet in gudikat.

Gustament ukoll l-appellati jsostnu illi l-ligi procedurali kienet tistabbilixxi tassattivament ir-rimedji tal-appell u tar-ritrattazzjoni biex jitwaqqghu sentenzi. Dan biex tigi accertata c-certezza tal-gudikati. Ma kienx konsentit ghall-partijiet li allura jadoperaw rimedji ohra oltre dawk dettati mil-ligi. L-appellati jaghmlu referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Martin

Farrugia vs John Mifsud" deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri fil-31 ta' Lulju 1996, fejn gie ritenut illi "l-uniku rimedju straordinarju kontemplat fil-ligi tal-procedura ghar-revizjoni ta' sentenzi li ghaddew in gudikat huwa l-istitut tar-ritrattazzjoni". Kif ukoll gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Carmelo Cassar Parnis vs Gustavo Soler et" deciza mill-Prim Awla fil-11 ta' Marzu 1949:- "il-legislatur jaghti lil kull interessat f'dik is-sentenza l-mezzi biex iwaqqghuha bhala nulla, u jekk huwa ma juzax dawk ir-rimedji ma ghandux ghal fejn jilmenta mill-inflessibilita' tal-principju ta' l-irrevokabilita' tal-gudikat". Ftit li xejn jinhtieg li din il-Qorti zzid ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-appellati. Tinnota biss illi dak li jidher li qed tittanta taghmel l-attrici f'din l-istanza kien li tottjeni mill-Qorti r-"restitutio in integrum" u cioe' li titqieghed fl-istess posizzjoni li kienet qabel ma nghatat is-sentenza minnha impunjata u li titqies daqs li kieku qatt ma nghatat bil-konsegwenza li tkun tista' allura terga' tivvanta l-istess jeddijiet kontra l-konvenuti li hi avvanzat f'dik il-kawza. Rimedju dan li mhux aktar accessibbli f'cirkostanzi kongruwi sa mill-promulgazzjoni tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Ordinanza numru XI tal-1856 li introduca l-Istitut tar-ritrattazzjoni, u abolixxa l-possibbilita' tal-azzjoni tar-"resitutio in integrum" kull fejn tali rimedju ta' ritrattazzjoni kien moghti. "S<u>ebbene senza alcun dubbio nelle leggi di organizazzione e procedura civile e' stato sostituito il rimedio della ritrattazzione a quello della restituzione in intero nel caso di sentenze passate in cosa gudikata</u> quando concorrono dei motivi contemplati in quelle leggi per autorizzare la loro revoca a domanda del

soccombente, le detti leggi di organizazzione e procedura civile non derogario e non abrogano in alcuna loro parte le leggi anteriori relattive alla restituzione in intero se non in quelle parti per le quali e' stato sostituito il rimedio della ritrattazzione" (Zahra vs Felice Volum I pagna 174 deciza minn din il-Qorti u Camilleri vs Micallef Volum VII pagna 389 deciza mill-Prim Awla).

Eventwalment l-opportunita' tal-possibbilita' tal-azzjoni tar-"restitutio in integrum giet ulterjorment ristretta pero', sa minn dak iz-zmien tas-sentenzi citati kien car illi fejn il-Kodici tal-Procedura kien jippermetti r-rimedju tar-ritrattazzjoni kien biss dak ir-rimedju li kien miftuh ghall-parti li tikkontesta l-gudikat fit-termini u fiz-zmien, f'dak l-Istitut imposti. Ma kien accessibbli ghall-parti l-ebda rimedju iehor biex jikkontesta gudikat, kemm tal-Prim Istanza u kemm fi grad ta' appell, u jekk il-parti tonqos li tuzufruwixxi mir-rimedji anke straordinarji – bhal ma hu r-rimedju tar-ritrattazzjoni – lilha offerti mil-ligi ma tkunx tista' tirrikorri ghal stratagemmi procedurali ohra li gew espressament imnehhija proprju bl-introduzzjoni tar-rimedju straordinarju.

Is-sub inciz (b) tal-artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jipprovdi rimedju ghal smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn "ic-citazzjoni ma tkunx innotifikata lill-parti telliefa basta li dik il-parti ghad li ma tkunx giet notifikata ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza". Il-kliem "ic-citazzjoni ma tkunx giet notifikata" ghandu jikkomprendi

necessarjament ukoll in-notifika tal-avviz ghas-smiegh jew in-notifika tal-avviz tar-riappuntament tas-smiegh tal-kawza ghaliex ma kienx hemm dubbju illi dan is-sub inciz kien intiz biex jassigura l-prezenza tal-partijiet fil-kawza u li l-assenza taghhom tkun wahda voluta jew evitabbli.  L-attrici appellanti kellha allura rimedju proprju stabbilit bil-ligi biex f'kaz eccezzjonali bhal ma tippretendi li kien taghha titlob smiegh mill-gdid tal-kawza.  Una volta dak ir-rimedju ma haditux ma setghet tlum lil hadd u s-sentenza li ghaddiet in gudikat ma setghet bl-ebda mod tigi impunjata.  Japplika id-detto imputet sibi.

L-istess konsiderazzjoni tapplika ghall-aggravju in extremis tal-appellant illi n-nuqqas ta' notifika ta' parti bil-proceduri tar-riappuntament tal-kawza kienu jwasslu ghal nuqqas ta' 'fair hearing u allura ta' lezjoni tad-dritt fondamentali tal-appellanti.  Anke hawn l-aggravju kien iregi biss li kieku l-appellanti ma kellhiex, kif kellha, rimedju miftuh ghad-disposizzjoni taghha .  Certament wiehed ma setax jikkonsidra bhala ksur tad-dritt fondamentali tal-bniedem, tutelabbli kostituzzjonalment jew konvenzjonalment sitwazzjoni fejn il-persuna nvoluta kellha rimedji adegwati u sufficenti taht il-ligi ordinarja biex tissana n-nuqqas procedurali, anke jekk gravi, fil-process gudizzjarju.  Dan l-ilment, jekk l-appellanti qed tqajmu bhala materja ta' natura konvenzjonali jew kostituzzjonali – ghax anke dan mhux daqstant car – ma jistax ma jitqiesx bhala sempliciment frivolu jew vessatorju fit-termini tas-sub inciz 3 tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.  Dan apparti li anke li kieku hekk ma

kienx, il-kaz kien wiehed car fejn il-Qorti tkun tqis li hu desiderabbli li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond is-sub artikolu 2 tal-istess artikolu billi kienet aktar minn sodisfatta illi mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur l-attrici skond il-ligi tal-procedura.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mg